LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 117.08

REGOLAMENTI DWAR IR-RAZZJON

15 ta' Settembru, 1956

In-NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN 556 ta' l-1956, kif emendata bin-Notifikazzjonijiet tal-Gvern 298 u 696 ta' l-1958; u bl-Avviżi Legali 6 ta' l-1959, 39 ta' l-1960, 24 ta' l-1963, 15 ta' l-1964, 99 ta' l-1971, 10 u 30 ta' l-1972, 85 ta' l-1973, 97 u 117 ta' l-1974, 107 ta' l-1975, 10 u 98 ta' l-1976, u 409 ta' l-2007.

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar ir-Razzjon.

L-EWWEL PARTI

Tifsir

Tifsir.
Emendat:
N.G. 298 ta' l-1958;
A.L. 24 ta' l-1963;
A.L. 15 ta' l-1964;
A.L. 10 ta' l-1972;
A.L. 85 ta' l-1973;
A.L. 117 ta' l-1974;
A.L. 107 ta' l-1975;
A.L. 10 ta' l-1976;
A.L. 98 ta' l-1976.

2. F'dawn ir-regolamenti:

"furnar" ifisser persuna kemm jekk tirċievi d-dqiq għall-ħami tal-ħobż u kemm jekk le, li għandha forn proprjetà tagħha jew li tikri forn u l-persuna li jkollha l-liċenza mill-Kummissarju tal-Pulizija biex ikollha forn;

"ħobż" ifisser ħobż, barra l-ħobż *fancy*, magħmul minn dqiq, melħ u ilma, biż-żieda, jekk meħtieġ, ta' ħmira u/jew xi ingredjent ieħor biex itejjeb il-kwalità tal-ħobż kif jista' jagħti l-permess id-Direttur minn żmien għal żmien;

"bejjiegħ tal-ħobż" ifisser persuna illi tbigħ il-ħobż bl-imnut lill-parruċċani reġistrati skond dawn ir-Regolamenti u tkun qed tirċievi dqiq għall-ħami ta' ħobż skond dawn ir-Regolamenti;

"burdnar" ifisser persuna li taħdem fis-sengħa li ġġorr id-dqiq;

"butir" tfisser butir maħruġ għal skopijiet ta' razzjon;

"distributur" ifisser bniedem nominat mid-Direttur biex iqassam oġġett jew aktar minn oġġett wieħed razzjonat lill-bejjiegħa bl-imnut u persuni oħra;

"oġġett" tfisser kull ħaġa li soltu tinbiegħ lill-pubbliku iżda ma tinkludix oġġett razzjonat;

"Direttur" ifisser id-Direttur tal-Kummerċ u jinkludi kull uffiċjal tad-Dipartiment tal-Kummerċ li lilu d-Direttur minn żmien għal żmien jista' jagħti xi setgħa jew dmir skond dawn ir-Regolamenti;

"żejt ta' l-ikel" tfisser zejt ta' l-ikel maħruġ għal skopijiet ta' razzjon;

"familja" tfissser in-nies kollha illi soltu għal mhux inqas minn ħamest ijiem fil-ġimgħa jorqdu f-istess dar u jieklu flimkien, jew illi jorqdu fi djar separati fl-istess area u jieklu flimkien, kif ukoll nies inklużi fit-tifsiriet ta' hawn fuq għal dak li hu rqad għalkemm jieħdu xi ikla jew l-ikliet kollha tagħhom xi mkien ieħor;

"ħobż fin" (*fancy*) ifisser ħobż magħmul minn dqiq mhux sussidjat;

"dqiq" ifisser id-dqiq kollu tal-qamħ, ħlief dawk il-biċċiet minnu

illi l-awtoritajiet sanitarji jiċċertifikaw illi m'humiex tajbin għall-konsum tal-bnedmin;

"kap tal-familja" jfisser il-membru tal-familja li jkollu tiegħu jew li jkollu b'self jew b'kiri d-dar li fiha tgħix il-familja;

"taħħan" ifisser kull taħħan li xogħlu jkun li jieħu d-dqiq mill-qmuħ minn qmugħ miġjubin minn barra, u jfisser ukoll il-*Malta Millers Association*, u kull soċjetà oħra ta' nies li jagħmlu dawn il-funzjonijiet;

"għaġin" ifisser għaġin magħmul minn dqiq issussidjat;

"persuni" tinkludi għaqda ta' nies;

"ktieb tar-razzjon" ifisser kull dokument maħruġ mid-Direttur biex jirregola x-xiri jew bejgħ ta' oġġetti razzjonati, u jinkludi dokumenti jew permessi li jkunu jiswew biss għal xirja waħda jew bejgħ wieħed;

"oġġett razzjonat" ifisser kull oġġett imsemmi fl-Iskeda;

"perijodu tar-razzjon" ifisser kull perijodu li jiġi preskritt mid-Direttur b'ordni pubblikat fil-Gazzetta dwar it-tqassim perjodiku ta' oġġetti tar-razzjon;

"bejjiegħ bl-imnut" tfisser kull persuna awtorizzata biex tbiegħ lill-pubbliku bl-imnut kull oġġett razzjonat jew mhux;

"ross" tfisser ross maħruġ għal skopijiet ta' razzjon;

"zokkor" tfisser zokkor sussidjat;

"jipprovdu" tinkludi, fil-każ ta' furnara u/jew bejjiegħa tal-ħobż, li jqassmu skond dawk id-direttivi li minn żmien għal żmien jistgħu jingħataw mid-Direttur;

"ħalib tal-bott" tfisser ħalib tal-bott maħruġ għal skopijiet ta' razzjon.

IT-TIENI PARTI

Kontroll ta' Dokumenti tar-Razzjon u Liċenzi

Liċenza, ktieb tar-razzjon, eċċ. *Emendat: N.G. 298 ta' l-1958.*

3. Kull liċenza, ktieb tar-razzjon, permess, applikazzjoni tar-reġistrazzjoni jew kull dokument ieħor maħruġ mid-Direttur skond dawn ir-Regolamenti, li bih jew bil-permess tiegħu jista' jittieħed kull oġġett tar-razzjon, għandu jkun personali għall-persuna jew familja li għaliha jinħareġ, u m'għandux jiġi trasferit sakemm ma jkunx hemm provdut għal ħekk fid-dokument stess.

Bejgħ jew tibdil. *Emendat: N.G. 298 ta' l-1958.*

4. Hadd ma jista' jbiegħ jew jibdel jew inkella jittraferixxi wieħed mid-dokumenti riferiti fir-regolament 3 maħruġ f'ismu jew lilu jew lil xi ħadd tal-familja mid-Direttur, u ħadd ma jista' jixtri jew jibdel, jew inkella jiddobba jew ikollu xi dokument bħal dan li ma ġiex maħruġ f'ismu jew lilu jew lil xi ħadd tal-familja tiegħu.

Użu ta' dokumenti foloz.

Kap. 9.

5. Kull persuna li tagħmel użu jew tittanta li tuża xi dokument falz ta' l-għamla riferita fir-regolament 3 tkun għall-finijiet kollha tal-Kodiċi Kriminali jew ta' xi liġi oħra li hija xjentement għamlet jew ittantat tagħmel użu minn dak id-dokument, kemm-il darba, mill-provi dwar kif u minn fejn dak id-dokument ġie f'idejn dik il-persuna, il-Qorti ma tarax illi dik il-persuna ma kinetx taf illi d-dokument kien falsifikat.

6. L-għoti ta' liċenza jew permess skond dawn ir-Regolamenti ma jeżentax negozjant milli jieħu liċenza jew permess ieħor skond il-liġi għas-sengħa tiegħu. Għoti ta' liċenza jew permess.

7. Jekk wieħed jikser il-liġi skond ir-regolament 4, huwa jkun suġġett għal multa ta' mhux inqas minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47). Piena. *Emendat: A.L. 409 ta' l-2007.*

IT-TIELET PARTI

Kontroll tar-Reġistrazzjoni għall-Oġġetti Razzjonati

8. Ktieb tar-razzjon maħruġ mid-Direttur lill-kap tal-familja jew lil xi persuna oħra awtorizzata jkun jiswa għax-xiri ta' kull oġġett razzjonat skond il-kwantitajiet imdaħħla fil-ktieb tar-razzjon fiż-żmien li jkun ħareġ jew bid-direzzjonijiet mogħtija minn żmien għal żmien mid-Direttur u pubblikati fil-Gazzetta. Ktieb tar-razzjon. *Emendat: N.G. 298 ta' l-1958.*

9. Id-Direttur jista' jitlob xi kap ta' familja jew rappreżentant tiegħu biex jagħti informazzjoni u biex jiffirma dikjarazzjoni fuq xi oġġett li għandha x'taqsam ma' l-oġġetti reġistrati. Id-Direttur jista' jitlob informazzjoni. *Emendat: N.G. 298 ta' l-1958.*

10. (1) Kull persuna li tirraporta li xi ktieb tar-razzjon li jkun ħareġ lilha intilef jew inqered għal kollox tista' tapplika lid-Direttur li jagħtiha ktieb ieħor u jista' kif jagħtiha ktieb ieħor jimponi l-ħlas ta' mhux aktar minn żewġ euro u tlieta u tletin ċenteżmu (2.33). Ktieb tar-razzjon mitluf. *Emendat: N.G. 298 ta' l-1958; A.L. 409 ta' l-2007.*

(2) Kull persuna li, jkollha l-ktieb tar-razzjon mibdul, issib l-oriġinal u ma tmurx tagħti lura l-oriġinal lid-Direttur fi żmien sebat ijiem jew li tuża jew tipprova tużah, tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-Regolamenti.

11. L-ebda persuna li tkun fil-Forzi Armati jew ma' xi persuna oħra jew awtorità u li tiġbed oġġetti tar-razzjon *in kind* jew li tiddobba ikel mill-post ta' l-impieg għandha tkun reġistrata għall-oġġetti razzjonati taħt dawn ir-Regolamenti. Projbizzjoni li tkun reġistrat għal oġġetti razzjonati.

12. Id-Direttur jista' b'ordni pubblikat fil-Gazzetta jipprovdi li kull persuna li ma tkunx ċittadin ta' Malta (jew klassi ta' persuni li ma jkunux ċittadini ta' Malta) u li jkollha permess tirrisjedi f'Malta skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni tkun tista' tiġi reġistrata għal dawk l-oġġetti tar-razzjon biss li jiġu speċifikati fl-ordni: Persuni li ma jkunux ċittadini ta' Malta. *Miżjud: A.L. 30 ta' l-1972.* Kap. 217.

Iżda d-Direttur ma jistax jirrifjuta r-reġistrazzjoni għal xi oġġett jekk dak l-oġġett ma jkunx tista' jinkiseb ukoll fis-suq miftuħ.

13. Ebda persuna li tkun qed iżżur dawn il-Gżejjer bħala turista ma għandha tiġi reġistrata għal oġġetti razzjonati skond dawn ir-Regolamenti. Turista ma jistax jiġi reġistrat għal oġġetti razzjonati. *Miżjud: A.L. 97 ta' l-1974.*

14. Għall-fini ta' dawn ir-Regolamenti l-persuni kollha jitqiesu li jkunu reġistrati għall-oġġetti razzjonati skond ir-*records* miżmuma mid-Direttur fid-data li fiha dawn ir-Regolamenti jibdew iseħħu. Persuni reġistrati għal oġġetti razzjonati. *Emendat: N.G. 298 ta' l-1958.*

Obbligu ta' kap ta' familja li jirrapporta lid-Direttur. *Emendat: N.G. 298 ta' l-1958.*

15. Meta xi membru tal-familja jmut jew ma jibqax temporanjament membru tal-familja msemmija, il-kap ta' dik il-familja jkollu d-dmir li jirrapporta l-fatt lid-Direttur fi żmien sebat ijiem. Il-kap tal-familja jkun obbligat li jirrapporta lid-Direttur l-isem ta' xi persuna li tiżdied mal-familja, jew xi tibdil fl-indirizz ta' xi membri jew tal-membri kollha tal-familja.

Kanċellament ta' kotba tar-razzjon. *Emendat: N.G. 298 ta' l-1958.*

16. Meta xi membru tal-familja jkun ser jitlaq minn dawn il-Gżejjer, il-kap tal-familja għandu jippreżenta lid-Direttur id-dokumenti tar-razzjon biex jitħassru jew biex ikunu rranġati, skond kif ikun meħtieġ, u jingħata mingħand id-Direttur imsemmi ċertifikat li l-obbligu ġie milqugħ jew li qed isir. Ċertifikat bħal dan għandu jiġi muri lill-Pulizija tal-Passaport qabel it-tluq minn dawn il-Gżejjer, u jekk dan ma jsirx il-persuna interessata ma titħallix titlaq.

Projbizzjoni li jitbiddel il-bejjiegħ bl-imnut, il-bejjiegħ tal-ħobż, eċċ. *Emendat: N.G. 298 ta' l-1958.*

17. L-ebda kap tal-familja ma jkun jista' jibdel il-bejjiegħ bl-imnut, bejjiegħ tal-ħobż jew il-manifattur ta' l-għaġin li miegħu jkun reġistrat għall-provvista ta' xi oġġetti razzjonati sakemm il-permess biex jagħmel hekk ma jkunx mogħti mid-Direttur taħt dawk il-kundizzjonijiet skond kif ikunu magħmula minnu.

Reati.

18. Jitqies reat -

(*a*) għal xi kap tal-familja li jirreġistra xi membru tal-familja aktar minn darba fl-istess żmien;

(*b*) għal xi persuna li tkun taf li tkun reġistrata aktar minn darba fi żmien wieħed;

(*ċ*) għal xi kap tal-familja jew xi persuna fir-reġistrazzjoni jew għall-iskop li jinkiseb oġġett razzjonat, li tagħmel dikjarazzjoni jew tagħti xi informazzjonijiet li hi tkun taf li tkun falza, jew li ma tagħtix informazzjoni li hi tkun taf li hi rilevanti;

(*d*) għal xi persuna li tonqos li tagħti tagħrif jew tiffirma dikjarazzjoni skond ir-regolament 9.

Multi. *Emendat: A.L. 409 ta' l-2007.*

19. Jekk xi ħadd jilser ir-regolament 10(2), jew xi wieħed mir-regolamenti 11, 15, 16 u 18, min jagħmel l-offiża ikun soġġett għal multa ta' mhux inqas minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47).

IR-RABA' PARTI

Kontroll ta' Produzzjoni, Tqassim, Użu jew Konsum

Projbizzjoni li wieħed jieħu oġġetti razzjonati minn persuna oħra. *Emendat: N.G. 298 ta' l-1958.*

20. Ħadd ma jista' jieħu oġġetti tar-razzjon mingħand xi persuna jekk mhux skond dawn ir-Regolamenti u b'ordnijiet mogħtija mid-Direttur.

Oġġetti razzjonati awtorizzati mid-Direttur. *Emendat: N.G. 298 ta' l-1958.*

21. Distributuri, furnara, bejjiegħa tal-ħobż, manifatturi ta' l-għaġin, bejjiegħa bl-imnut u burdnara għandhom jieħdu mingħand il-persuni indikati mid-Direttur matul il-perijodu tar-razzjon jew matul kull perijodu ieħor kif id-Direttur jordna, il-kwantità kollha ta' oġġetti tar-razzjon awtorizzati minnu għal dak il-perijodu.

Kwantitajiet u perijodi preskritti mid-Direttur. *Emendat: N.G. 298 ta' l-1958.*

22. Id-distributuri u manifatturi ta' l-għaġin għandhom jipprovdu oġġetti tar-razzjon lill-bejjiegħa bl-imnut fi kwantitajiet u f'dak il-perijodu preskritt għalihom mid-Direttur għal kull perijodu ta' razzjon u m'għandhomx jiddisponu minn oġġetti tar-razzjon jekk mhux kif ordnat minnu.

Żieda f'oġġetti razzjonati. *Emendat: N.G. 298 ta' l-1958.*

23. Bejjiegħa bl-imnut, furnara u bejjiegħa tal-ħobż għandhom jipprovdu fiż-żmien ta' kull razzjon, oġġetti tar-razzjon lil kull familja reġistrata magħhom fil-kwantitajiet li hemm jidhru fuq il-ktieb tar-razzjon, u huma ma għandhomx jipprovdu oġġetti tar-razzjon ħlief skond u mhux iżjed, il-kwantitajiet fil-ktieb tar-razzjon, sakemm dik iż-żieda tiġi awtorizzata mid-Direttur.

Ordni li jiffissa l-perijodu taż-żmien. *Emendat: N.G. 298 ta' l-1958.*

24. Id-Direttur jista', b'ordni li jiġi pubblikat fil-Gazzetta, jiffissa l-perijodu ta' żmien li fih wieħed jew iżjed minn oġġett wieħed speċifikat tar-razzjon għandhom jittieħdu mill-konsumaturi mingħand il-bejjiegħa bl-imnut, il-furnara jew il-bejjiegħa tal-ħobż. Din l-ordni tista' tipprovdi wkoll li l-bejjiegħa bl-imnut, furnara jew bejjiegħa tal-ħobż jistgħu jiddisponu mod ieħor milli skond il-ktieb tar-razzjon mill-kwantitajiet li ma jittieħdux matul il-perijodu taż-żmien speċifikat.

Returns li għandhom jingħataw mid-distributuri u manifatturi ta' l-għaġin. *Emendat: N.G. 298 ta' l-1958. Sostitwit: A.L. 10 ta' l-1972.*

25. ld-Direttur jista', b'ordni pubblikat fil-Gazzetta, jitlob lid-distributuri u manifatturi ta' l-għaġin li jagħtu *returns* dwar oġġetti tar-razzjon f'dawk iż-żminijiet li jkunu speċifikati fl-ordni.

Returns li għandhom jingħataw minn furnara, bejjiegħa tal-ħobż u bejjiegħa bl-imnut. *Emendat: N.G. 298 ta' l-1958. Sostitwit: A.L. 10 ta' l-1972.*

26. Id-Direttur jista', b'ordni pubblikat fil-Gazzetta, jitlob lill-furnara, il-bejjiegħa tal-ħobż u l-bejjiegħa bl-imnut li jagħtu *returns* dwar oġġetti tar-razzjon f'dawk iż-żminijiet li jiġu speċifikati fl-ordni.

Disponiment ta' oġġetti tar-razzjon. *Emendat: N.G. 298 ta' l-1958.*

27. It-taħħana, id-distributuri, il-manifatturi ta' l-għaġin, il-burdnara, il-bejjiegħa bl-imnut, il-furnara u l-bejjiegħa tal-ħobż għandhom ikunu responsabbli għad-disponiment sewwa ta' l-oġġetti tar-razzjon kollha maħruġa lilhom, u kull taħħan, distributur, manifattur ta' l-għaġin, burdnar, bejjiegħ bl-imnut, furnar jew bejjiegħ tal-ħobż li ma jkunx jista' jagħti spjegazzjoni skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti jew skond l-ordni tad-Direttur ta' l-oġġetti tar-razzjon kollha maħruġa lilu, għandu jitqies li ddispona kontra l-liġi minn dawn l-oġġetti, sakemm, skond il-provi, l-Qorti ma tkunx sodisfatta li hu ħa l-kura kollha raġjonevoli biex iżomm u jiddisponi minn dawn l-oġġetti.

Oġġett razzjonat li ma jkunx tajjeb jew imħassar. *Emendat: N.G. 298 ta' l-1958.*

28. (1) Fejn oġġett razzjonat ma jkunx tajjeb, imħassar jew b'xi mod ieħor mibdul waqt li jkun fil-pussess tiegħu jew kontroll jew waqt li jkun qed jiġi proċessat jew manifatturat, kull taħħan, distributur, manifattur ta' l-għaġin, burdnar, bejjiegħ bl-imnut, furnar jew bejjiegħ tal-ħobż għandu jirrapporta malajr il-każ lid-

Direttur.

(2) Id-Direttur jista' jordna lil dan it-taħħan, distributur, manifattur ta' l-għaġin, burdnar, bejjiegħ bl-imnut, furnar jew bejjiegħ tal-ħobż biex jakkwista provvista friska biex iqiegħda minflok l-oġġett razzjonat mhux tajjeb, imħassar jew mibdul taħt dawk il-kundizzjonijiet, *inter alia*, skond il-kwantità u l-prezz, li jiddetermina hu.

Eċċess ta' kwantitajiet ta' oġġetti razzjonati.

29. L-ebda persuna ma għandu jkollha taħt il-kontroll tagħha oġġett razzjonat aktar mill-kwantità stabbilita minn jew skond dawn ir-Regolamenti u/jew iżjed mill-kwantità murija fuq ir-*returns* magħmula skond ir-regolamenti 25 u 26.

Spezzjoni ta' kotba, dokumenti, eċċ. *Emendat: N.G. 298 ta' l-1958.*

30. Id-Direttur jista' jawtorizza bil-miktub xi persuna jew persuni biex tispezzjona, f'kull żmien raġjonevoli, il-kotba, dokumenti, *stocks* jew bini tan-negozjant li għalih jew li minnu oġġetti razzjonati jkunu maħruġa. Kull persuna li ma tħallix jew tfixkel lil xi persuna jew persuni awtorizzati fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu jew tagħhom skond dawn ir-Regolamenti tkun ħatja ta' offiża.

Projbizzjoni li wieħed jiddisponi minn oġġett razzjonat. *Emendat: N.G. 298 ta' l-1958.*

31. L-ebda persuna mingħajr ma jkollha liċenza jew ktieb tar-razzjon maħruġ mid-Direttur ma għandha tagħmel użu jew tiddisponi b'xi mod ieħor minn xi oġġett razzjonat u ebda persuna ma għandha żżomm, tagħmel użu minn jew tiddisponi minn xi oġġetti tar-razzjon għal xi skop barra minn dak li għalih l-akkwist ta' xi oġġett razzjonat kien permess, jew b'xi kontravenzjoni ta' xi kundizzjoni magħmula fil-liċenza jew ktieb tar-razzjon maħruġ għall-akkwist ta' xi oġġett razzjonat:

Iżda l-kapijiet tal-familji ma jkunux jistgħu jiġu projbiti milli jagħmlu użu jew jiddisponu xort'oħra barra minn b'bejgħ oġġetti tar-razzjon li għalihom ikunu intitolati bħala kapijiet tal-familji skond dawn ir-Regolamenti b'kull mod li jidhrilhom xieraq.

Projbizzjoni li wieħed jimmanifattura ħobż fin. *Emendat: N.G. 298 ta' l-1958.*

32. Ebda persuna ma tista' tagħmel ħobż fin (*fancy*) kemm-il darba ma tingħatax liċenza speċjali mid-Direttur.

Dqiq irid jiġi mibgħut. *Emendat: N.G. 298 ta' l-1958.*

33. Kull taħħan jew burdnar għandu jibgħat lill-persuna awtorizzata b'permess maħruġ mid-Direttur l-kwantità ta' dqiq speċifikata fih.

Xkejjer tad-dqiq.

34. Ebda taħħan ma għandu joħroġ jew iżomm biex joħroġ xkejjer tad-dqiq ta' piż nett ta' anqas minn tmenin ratal. Xkejjer bħal dawn għandu jħollhom tikketta ħoxna li ma titħassarx u ċara li jkollha l-isem tal-fabbrika, u dawn jistgħu ukoll ikunu immarkati ċar u b'mod li ma jitħassrux bl-isem tal-fabbrika fuq in-naħa ta' barra ta' l-ixkora. Din it-tikketta għandha tkun meħjuta sew jew imwaħħla sew ma fejn tinfetaħ l-ixkora b'mod li ma tkunx tista' tinqala' kemm-il darba l-ixkora ma tinfetaħx għall-użu.

Ġarr tad-dqiq. *Emendat: N.G. 298 ta' l-1958.*

35. Ebda burdnar ma għandu jaħdem fil-ġarr tad-dqiq kemm-il darba ma jkollux liċenza speċjali mid-Direttur.

Għamla tal-ħobż.

36. Ebda ħobż ma għandu jiġi offert għall-bejgħ ħlief fil-għamla ta' ħobża magħmula għaliha (*one piece oven bottom loaf*) jew ta' ħobża fil-landa (tal-kaxxun).

Ħobż.

37. Il-ħobż kollu għandu jinbiegħ bl-użin.

Waqfa tas-sengħa. *Emendat: N.G. 298 ta' l-1958.*

38. Kull distributur, bejjiegħ bl-imnut, furnar, bejjiegħ tal-ħobż jew manifattur ta' l-għaġin li ma jkunx fi ħsiebu jkompli fis-sengħa tiegħu għandu jgħarraf bil-miktub lid-Direttur mill-inqas xahrejn qabel bil-ħsieb tiegħu li jagħmel hekk lid-Direttur u jsemmi l-għala sejjer jagħmel hekk.

Rapport lid-Direttur jekk furnar ma jistax jaħmi jew ibiegħ ħobż. *Emendat: N.G. 298 ta' l-1958.*

39. Xi furnar li ma jkunx jista' f'xi ġurnata jaħmi l-ħobż, jew bejjiegħ tal-ħobż li ma jkunx jista' f'xi ġurnata jqassam il-ħobż, għandu qabel id-9 ta' filgħodu ta' l-istess jum jirrapporta l-kwistjoni lid-Direttur, jew personalment jew permezz tar-rappreżentant tiegħu.

Projbizzjoni ta' bejgħ ħlief lil parruċċani reġistrati.

40. Suġġett għal kull ordni mogħti skond ir-regolament 24, l-ebda bejjiegħ bl-imnut, bejjiegħ tal-ħobż jew furnar ma jista' jbiegħ il-ħobż ħlief lill-persuni li jkunu reġistrati bħala klijenti tiegħu.

Ordnijiet mid-Direttur. *Emendat: N.G. 298 ta' l-1958. Sostitwit: A.L. 117 ta' l-1974.*

41. Id-Direttur jista' joħroġ ordniijet lil kull taħħan, distributur, burdnar, furnar, bejjiegħ tal-ħobż, bejjiegħ bl-imnut, manifattur ta' l-għaġin jew xi persuna oħra li tagħmel użu, jew li għandna taħt il-kontroll tagħha xi oġġetti u/jew oġġetti razzjonati kif hu jikkonsidra meħtieġa sabiex jinżammu u jiġu kontrollati l-produzzjoni, tqassim, bejgħ, użu jew konsum ta' oġġetti razzjonati. Min jonqos li jimxi skond xi ordni bħal dan ikun qed jikser dawn ir-Regolamenti.

Reati u pieni. *Emendat: A.L. 409 ta' l-2007.*

42. Min jagħmel reat meta jinstab ħati jista' jeħel multa -

(*a*) ta' mhux anqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) iżda mhux aktar minn ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (582.34) fil-każ ta' offiża kontra ir-regolamenti 20, 21, 22, 30, 32, 33 u 38 u, fil-każ ta' offiża kontra r-regolament 20, l-oġġetti razzjonati li jkunu nkisbu b'mod irregolari għandhom jiġu ukoll konfiskati;

(*b*) ta' mhux anqas minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29) iżda mhux aktar minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) fil-każ ta' reat kontra xi wieħed mir-regolamenti 23, 29, 31, 34 u 35 u, fil-każ ta' reat kontra r-regolament 29, l-oġġetti tar-razzjon li jkunu fil-pussess jew kontroll ta' dak li jkun b'mod irregolari għandhom jiġu ukoll konfiskati;

(*ċ*) ta' mhux anqas minn ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) u mhux aktar minn sitta u erbgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (46.59) fil-każ ta' reat kontra xi wieħed mir-regolamenti 25, 26, 28(1), 36, 37 u 40;

(*d*) ta' mhux anqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) u mhux aktar

minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) lira fil-każ ta' kull offiża kontra xi wieħed mir-regolamenti 39 u 41;

(*e*) ta' mhux inqas minn darbtejn u mhux aktar minn erba' darbiet tal-profitt magħmul minn min jagħmel reat in konnessjoni ma' transazzjoni b'kontravenzjoni tar-regolament 27 u jekk il-profitt magħmul minn min jagħmel ir-reat b'kontravenzjoni tar-regolament 27 ma jkunx jista' jitqies mill-Qorti, min jagħmel ir-reat ikun jista' jeħel multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda mhux aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37).

IL-HAMES PARTI

Kontroll ta' Stabbilimenti

Tifsir.

43. F'din it-taqsima -

"stabbiliment" ifisser kull stabbiliment tal-fornitura u jfisser ukoll lukandi li jkollhom ristoranti tagħhom miftuħa għall-pubbliku, ristoranti, kafejiet, bars u kull lokal ieħor ta' rinfreski miftuħa għall-pubbliku, każini, *hostels*, *boarding houses*, u stabbilimenti oħra ta' din ix-xorta, iżda ma ifissirx ukoll kull stabbiliment taħt il-kontroll, direttament jew indirettament, tal-Gvern Malti;

"ikel" ifisser kull oġġett ta' l-ikel li jkun imsajjar jew imsawwar u kull xorb minbarra l-inbid, il-birra, likuri spiritużi u ilma gassuż jew xorb ieħor mingħajr alkohol;

"direzzjon" ifisser il-persuna jew persuni li jkollhom f'idejhom ix-xogħol tal-fornitura ta' xi stabbiliment sew għax ikollhom tagħhom jew għax imexxu l-istabbilimenti jew għax ikunu marbutin b'kuntratt bil-fomm jew bil-miktub li jfornixxu ikel fi stabbiliment, u jfisser ukoll il-persuni li f'isimhom tkun ħarġet il-liċenza;

"fornitura" tfisser iżżomm f'istabbiliment u toffri jew tittanta li tfornixxi.

Projbizzjoni li xi oġġett ta' l-ikel jiġi provdut għall-konsum f'xi stabbiliment. *Emendat: N.G. 298 ta' l-1958.*

44. Id-Direttur jista' b'ordni ma jħallix li xi oġġett ta' l-ikel jiġi provdut għall-konsum f'xi stabbiliment u jispeċifika kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jiġu provduti oġġetti ta' l-ikel.

Provvista ta' ikel għall-manifattura u għall-konsum. *Emendat: N.G. 298 ta' l-1958.*

45. Id-direzzjoni ta' kull stabbiliment, in-nies li jagħmlu l-ħelu u dawk li jagħmlu l-pastizzi, qassatat u galletti għandhom jieħdu l-oġġetti tar-razzjon għall-iskop li jfornixxu ikel għall-manifattura u għall-konsum mingħand dawk in-negozjanti biss li d-Direttur jista' jispeċifika u taħt dawk il-kundizzjonijiet li jista' jagħmel hu.

Prezzijiet għandhom jitpoġġu fejn jidhru.

46. Id-direzzjoni ta' kull stabbiliment għandu jpoġġi f'post fejn jidher fl-istabbiliment il-prezz ta' kull oġġett ta' l-ikel forniti hemmhekk għall-konsum.

Reati u pieni. *Emendat: A.L. 409 ta' l-2007.*

47. Min jagħmel reat jista' jeħel multa -

(*a*) ta' mhux inqas minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) f'każ li r-reat ikun kontra wieħed mir-regolamenti 44 u 45;

(*b*) ta' mhux inqas minn ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) iżda mhux iżjed minn sitta u erbgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (46.59) f'każ li r-reat ikun kontra r-regolament 46.

IS-SITT PARTI

Ġenerali

Tħaris tal-kundizzjonijiet. *Emendat: N.G. 298 ta' l-1958.*

48. Meta joħroġ xi liċenza jew permess skond dawn ir-Regolamenti, id-Direttur jista' jimponi dawk il-kundizzjonijiet li hu jqis xierqa. Kull min ikollu l-liċenza jew permess u jikser jew jonqos li jimxi skond dawn il-kundizzjonijiet jitqies li hu ħadem mingħajr il-liċenza jew permess.

Reat minn għaqda ta' persuni.

49. Meta jsir reat skond dawn ir-Regolamenti minn għaqda ta' persuni, kull persuna li fil-ħin tar-reat kienet direttur jew uffiċjal ta' l-għaqda titqies ħatja tar-reat sakemm hi tipprova li r-reat sar mingħajr ma kienet taf u li hi ħadet il-kura kollha biex tevita r-reat.

Applikabbiltà.

50. Xejn f'dawn ir-Regolamenti ma jkun ta' preġudizzju għal xi liġi jew regolament ieħor.

Liċenzi u permessi maħruġa qabel.

51. Liċenzi u permessi maħruġa jew mogħtija taħt jew għall-fini tar-Regolamenti dwar ir-Razzjon pubblikati qabel għandhom jitqiesu li jkunu nħarġu jew ingħataw għall-finijiet ta' dawn ir-Regolamenti.

Reati kontra r-Regolamenti.

52. Ir-reati kollha kontra dawn ir-Regolamenti għandhom, għalkemm xi liġi oħra ma taqbilx ma' dan, ikunu ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex).

Emendata:
N.G. 696 ta' l-1958;
A.L. 6 ta' l-1959;
A.L. 39 ta' l-1960;
A.L. 99 ta' l-1971;
A.L. 85 ta' l-1973;
A.L. 107 ta' l-1975;
A.L. 98 ta' l-1976.

SKEDA

Regolament 2

Hobż

Butir

Żejt ta' l-ikel

Dqiq

Qamħ importat

Għaġin

Ross

Smid

Zokkor

Halib tal-bott (barra ħalib tat-trab)